**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Frar, 2020

Rikors Nru : 139/17 AL

A sive A B

-vs-

C B

l-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Ottubru 1979 gewwa fil-Knisja ta' Santu Wistin il-Belt Valletta. Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfalli llum ilkoll huma maggjorenni.

Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar is-17 ta' Lulju 2008 fl-Atti tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok. A).

Illi ai termini ta' Artikolu 3 ta' l-istess Kuntratt, ir-Ragel kien obbligat ihallas lill-Mara retta alimentarja ta' €233 kull xahar li kellu jigi rivedut kull sena madanakollu, hekk kif ir-Ragel jibda jippercepixxi l-pensjoni ta' l-eta' kellu jithallas manteniment rivedut skond formola specifika u cioe' dik is-somma li jibqa' meta, kull xahar, mill-ammont totali ta' pensjoni gross tieghu, inkluz bonuses u kontribuzzjonijiet ohra jitnaqqsu (a) mitejn u tlieta u tletin Euro u imbaghad titnaqqas (b) it-taxxa ta' hmistax fil-mija , imbaghad jitnaqqas (c) l-ammont illi tkun ippercepiet il-Mara mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghal dak ix-xahar, mir-rizultat finali illi jibqa' wara li jitnaqqsu kull xahar (a), (b) u (c), terz ta' dak li jkun tali rizultat finali, jithallas bhala manteniment mir-Ragel lill-Mara. Jekk pero' il-Mara tippercepixxi pensjoni non-kontributorja, ir-Ragel ma jkollu jhallas l-ebda manteniment.

Illi sakemm ir-rikorrent ghalaq l-eta' tal-pensjoni huwa dejjem hallas il-manteniment.

Illi sa llum il-Mara qeghdha tahdem u ghandha introjtu u l-fatt illi r-rikorrent ghalaq l-eta' tal-pensjoni u ma hallasx manteniment lill-Mara qatt ma gie ikkontestat mill-Mara illi jidher illi ma hija qed tippretendi l-ebda hlas ta' pendenzi ta' manteniment.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn erbgha snin mifrudin, huma illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab filwaqt li jaghmel riferenza ghas-suespost, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet
2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

Illi it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti A sive A B, ghaliex id-divorzju ma jistax jinghata peress illi, kif jammetti fir-rikors tieghu ir-rikorrenti stess, ir-rikorrenti minn mindu beda jippercepixxi il-pensjoni mhuwiex qieghed ihallas manteniment, u dana bi ksur flagranti ta' dak pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet illi fil-klawsola numru tlieta (3) jispecifika b'mod car kif ghandu jsir il-hlas minn meta r-rikorrenti jkun pensjonant 'il quddiem. Dana jwassal ghall-applikazzjoni tas-subartikolu 66B(c) tal-Kap XV1, ghaliex, barra minn hekk, l-esponenti qatt ma irrinunzjat, u ma ghandhiex hsieb li tirrinunzja, ghall-arretrati ta' manteniment dovuti lilha minn zewgha, illi issa ilu ma jhallas manteniment sa minn Lulju tas-sena 2015;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti A sive A B;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' April, 2017;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġiet ikkonfermata bil-ġurament mill-intimata;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat in-nota tal-intimata tas-7 ta' Frar, 2020 li permezz taghha rtirat l-eċċezzjoni tagħha ghar-rikors tad-divorzju tal-istess rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Lulju, 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.